**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2023**

**Talba Nru: 59/2022MD**

**Citadel Insurance Plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Jessica Haber (K.I. 66993M) u l-istess Jessica Haber**

**Vs**

**Justin Mallia (K.I 144698M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Frar, 2022[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenut ihallas l-ammont ta' erba' mija, wiehed u tmenin Ewro u tminn centezimi (€481.08) rapprezentanti l-ammont ta' erba' mija, sitta u ghoxrin Ewro u tminn centezimi (€426.08) dovuti lis-socjeta' attrici u l-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) dovut lill-attrici Jessica Haber; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 663/2021 intavolata fis-26 ta' Marzu tas-sena 2021, u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-10 ta'

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Mejju, 2022,[2] tal-14 ta' Gunju, 2022,[3] tal-5 ta' Lulju, 2022,[4] tat-12 tal-Lulju, 2022,[5] tas-6 ta' Ottubru, 2022,[6] 15 ta' Novembru, 2022,[7] u tal-15 ta' Dicembru, 2022.[8]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-atturi fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022[9] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi ghalih ghas-seduta tat-12 ta' Lulju, 2022.[10]

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra li l-intimat gie dikjarat fi stat ta' kontumacja.[11]

Ra l-provi prodotti mill-atturi.

Ra s-sottomissjonijiet tal-atturi.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Fatti fil-Qosor**

Is-socjeta' attrici Citadel Insurance Plc hallset l-ammont ta' erba mija, sitta u ghoxrin Ewro u tminn centezimi (€426.08) tal-assigurata taghha l-attrici Jessica Haber, liema somma tirraprezenta hsara li saret fuq il-vettura taghha nhar l-14 ta' Mejju, 2019, filwaqt li l-attrici Jessica Haber qed titlob li l-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro (€55), rapprezentati *excess* li hallset lis-socjeta' attrici.

**Provi prodotti**

Ra x-xhieda ta' **Dr Jonathan Gatt**[12] li jahdem mas-socjeta' rikorrenti, u spjega li Jessica Haber hija assigurata ta' Citadel Insurance u kellha l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACB 237 assigurata mal-istess socjeta' fuq bazi *fully comprehensive*, fejn fethet *claim* mas-socjeta' rigward xi hsarat li kellha fuq il-vettura. Jessica Haber hallset l-*excess* ta' hamsa u hamsin Ewro rappresentanti l-*claim*. Spjega li l-ammont ta' erba' mija, wiehed u tmenin Ewro u tminn

[2] *A fol* 5A tal-process.
[3] *A fol* 9 tal-process.
[4] *A fol* 10 tal-process.
[5] *A fol* 12 tal-process.
[6] *A fol* 13 tal-process.
[7] *A fol* 55 tal-process.
[8] *A fol* 67 tal-process.
[9] *A fol* 11 tal-process.
[10] *A fol* 12 tal-process.
[11] *A fol* 10 tal-process.
[12] *A fol* 36 *et seq* tal-process, xhieda datata 6 ta' Ottubru, 2022.

centezimi jirraprezenta, sitt Ewro u disgha u disghin centezimu rapport tal-Pulizija li staqsew ghalih darbtejn, tlettax-il Ewro u ghoxrin centezimu rapprezentanti vettura tal-kiri, u erba mija, tlieta u disghin Ewro u disghin centezimu rapprezentanti t-tiswijiet. Ikkonferma li l-ammont ghadu dovut, u pprezenta l-ircevuti. Is-socjeta' attrici fethet il-kawza kontra l-intimat ghaliex ghamlet xi ricerki u r-rapport tal-Pulizija isemmi lilu. Il-persuna l-ohra indikata fir-rapport u cioe' Samuel Calleja, ma kellux x'jaqsam mal-kaz odjern ghaliex kien ix-xufier tat-trakk.

Ra x-xhieda ta' **Natalino Agius**[13] fejn spjega li hu *auto damage repair engineer*, u indika li huwa hejja rapport ghan-nom tas-socjeta' attrici fit-28 ta' Mejju, 2019, fejn ikkomferma l-istess u minn informazzjoni mghoddija lilu s-sid tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACB 237 tal-ghamla KIA u l-mudell Picanto hija Jessica Haber. Meta spezzjona l-vettura kien fiha grif fuq in-naha ta' wara tax-xellug u sabiex tissewwa kellu jsir zarmar, armar u spray. L-ammont kien ta' erba' mija, disgha u disghin Ewro u disgha u sittin centezimu liema ammont kien jirraprezenta l-loss of use ukoll. Spjega li ma jkunx jaf jekk it-tiswijiet effettivament ikunux saru.

Ra x-xhieda ta' **Jessica Haber**[14] fejn spjegat li hija sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACB 237 ta' lewn ahmar. Fl-14 ta' Mejju, 2019, hija marret ghax-xoghol, General Soft Drinks, u pparkjat barra bejn circa s-sebgha u ghaxra ta' filghodu sal-hamsa u hamsa, u kif harget u kienet qed tavvicina l-karozza rat grif fuq in-naha tax-xellug fuq wara, bazikament il-*mudguard* u l-*bumper*, in-naha ta' isfel fejn il-bieba tal-petrol, u kien hemm anka girfa fil-pilastru bejn il-bieba tal-passiggier u l-bieba tal-*boot*. Filghodu dak il-grif ma kienx hemm, allura kienet xi haga li grat dakinhar. Marret tavza lis-*security* tax-xoghol u qaltilhom biex jiccekjaw il-kameras u marret l-ghassa taz-Zejtun fejn ghamlet rapport.

Kompliet tispjega li l-General Soft Drinks komplew jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom. Mill-*footage* deher trakk tal-istess kumpanija bil-*logo* tal-Coca Cola itella' persuna u jerga' jnizzlu sakemm ix-xufier mar jigbor xi haga, u din il-persuna dehret taqsam fejn il-vettura taghha idur maghha, jistrieh maghha u jhazzez maghha. It-trakk rega tella lil din il-persuna, fejn gie identifikat li kien Justin Mallia ghaliex mill-*footage* deher in-numru tar-registrazzjoni tat-trakk u baghtu ghax-xufier li kien qalilhom min kien. Ipprezentat il-*footage* li ttiehdu mil-kumpanja General Soft Drinks u li kienu ngabru anke mil-Pulizija u ritratti tal-grif mal-vettura.

Ra x-xhieda ta' **PS 1405 Dylan Gerada**[15] fejn esebixxa kopja tar-rapport dwar l-incident in kwistjoni.[16] Spjega li l-involviment tieghu fir-rapport kien li nhar l-14 ta' Mejju, 2019, ghal-habta tas-5.45pm marret l-ghassa Jessica Haber fejn ghamlet rapport ta' hsarat volontarji fuq il-vettura taghha tal-ghamla KIA bin-numru ta' registrazzjoni ACB 237. Meta giet mistoqsija fejn possibilment saret il-hsara, Haber spjegat li kienet ipparkjata fil-parkegg biswit il-General Soft Drinks bejn 7.15 am u l-5.05pm dak in-nhar stess. Hadilha d-dettalji li hemm fir-rapport u fejn kien hemm il-hsarat, li jista jkun li hadet il-vettura l-ghassa u ghalhekk rahom. Ir-rapport gie mghoddi l-Ghassa ta' Rahal Gdid minhabba li fejn sar l-incident jaghmel ma hemmhekk.

---

[13] *A fol* 41 *et seq* tal-process, xhieda datata 6 ta' Ottubru, 2022.
[14] *A fol* 45 *et seq* tal-process, xhieda datata 6 ta' Ottubru, 2022.
[15] *A fol* 60 *et seq* tal-process, xhieda datata 15 ta' Novembru, 2022.
[16] *A fol* 56 *et seq* tal-process.

Ra x-xhieda ta' **PS 1258 Carmel Anthony Debattista**[17] li fir-rigward tar-rapport tal-incident in kwistjoni, kien rega baghat ghall-attrici Jessica Haber u mar ghal-filmati il-fabbrika tal-Coca gewwa il-Marsa Industrial Estate. Kellem lil persuna tahdem hemm u ra l-filmati fejn dehret persuna sserrah mal-vettura in kwistjoni ta' lewn ahmar. Ra trakk itella lil din il-persuna. Ra n-numru ta' registrazzjoni u baghat ghax-xufier, Samuel Calleja fejn qallu li kellu xoghol ta' tbatija u kellu bzonn lil xi hadd jghinu Ii kien Justin Mallia. Baghat ghal Justin Mallia, tah id-drittijiet ghall-avukat fejn ghazel li ma jkunx assistit u qallu li dakinhar kien qed jistenna li tat-trakk barra mill-fabbrika. Ftakar li kien qieghed iserrah ma karozza izda ma kienx jaf min hu sidha. Ix-xhud ftakar li mal-vettura kien hemm xi grif li kien jidher li huwa vendikazzjoni u kkonferma ir-rapport.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza si tratta dwar rifuzjoni tal-ammont ta' l-ammont ta' erba' mija, wiehed u tmenin Ewro u tminn centezimi (€481.08) rapprezentanti l-ammont ta' erba' mija, sitta u ghoxrin Ewro u tminn centezimi (€426.08) dovuti lis-socjeta' rikorrenti u l-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) dovut lil rikorrenti Jessica Haber.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fatturi annessi mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal hsara li giet imsewwija u l-excess imhallas, u mid-diversi xhieda imressqa mill-atturi.

Jirrizulta li fl-14 ta' Mejju, 2019, l-attrici Jessica Haber waqt li kienet ipparkjata l-Marsa Industrial Estate, Marsa soffriet hsara fuq il-vettura taghha waqt li kienet xoghol. Meta harget mix-xoghol u cioe' ghal-habta tal-5.05 ta' wara nofsinhar rat grif mal-vettura[18] u meta marret il-fabbrika tal-Coca irrizulta li mis-CCTV's[19] kien hemm persuna li giet identifikata bhala Justin Mallia u cioe' l-intimat, mal-vettura, li kemm strah kif ukoll dar mal-karozza, sakemm kien qed jistenna lit-trakk biex imur jahdem mieghu max-xufier.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici billi jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija, wiehed u tmenin Ewro u tminn centezimi (€481.08) rapprezentanti s-somma ta' erba' mija, sitta u ghoxrin Ewro u tminn centezimi (€426.08) lis-socjeta' attrici Citadel Insurance plc u s-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) lill-attrici Jessica Haber bl-imghax dekorribbli mis-6 ta' April, 2021[20] sad-data tal-pagament effettiv.

[17] *A fol* 65 *et seq* tal-process, xhieda datata 15 ta' Novembru, 2022.
[18] Dok JH1 sa JH12 a fol 30 tal-process.
[19] Pendrive a fol 30 tal-process.
[20] Data skont in-notifika tal-ittra ufficjali, a fol 34 tal-process.

L-ispejjez tal-kawza, u tal-ittra ufficjali bin-numru 663/2021[21] jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[21] *A fol* 32 tal-process.